31988D0355



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Ġunju 1998

## li taċċetta, f'isem il-Komunità, l-Anness B.2 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali

(88/355/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 43 u 235 li johroġ minnu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi, bid-Deċiżjoni 75/199/KEE [2], il-Komunità kkonkludiet il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali;

Billi l-aċċettazzjoni ta' l-Annessi għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali tikkontribwixxi b'mod effettiv għat-thaffif u l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali;

Billi l-Anness B.2, li jikkonċerna tneħħija minn dazju fuq oġġetti importati u taxxi fir-rigward ta' oġġetti dikjarati għall-użu fid-dar, jista' jkun aċċettat mill-Komunità;

Billi l-aċċettazzjoni għandha, iżda, tkun akkumpanjata minn ċerti riservazzjonijiet sabiex tittieħed kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' l-unjoni doganali u l-istadju kurrenti milħuq fl-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni tad-dwana,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness B.2 għall-Konvenzzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali, li jirrigwardaww it-tneħħija minn dazji fuq oġġetti importati u taxxi fir-rigward ta' oġġetti dikjarati għall-użu fid-dar, huma hawnhekk aċċettati f'isem il-Komunità, soġġetti għal riserva ta' natura ġenerali u reservazzjonijiet fir-rigward ta' Standardi 3, 21, 28 u 34 u prattiċi rakkomandati 10, 16, 18, 19, 20, 23, 27, 29, 32, 33 u 35.

It-test ta' l-Anness B.2, flimkien mar-reservazzjonijiet, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar persuna li għandha s-setgħa li tavża is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali dwar l-aċċettazzjoni, mill-Komunità, ta' l-Anness li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 1, soġġett għar-reservazzjonijiet msemmija fl-Artikolu msemmi.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Gunju 1988.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BANGEMANN

---

[1] ĠU C 167, tas-27.8.1968.
[2] ĠU L 100, tal-21.4.1975, p. 1.

*L-ANNESS B.2*

## L-ANNESS LI JIKKONĊERNA EŻENZJONI MINN DAZJI FUQ OĠĠETTI IMPORTATI U TAXXI DWAR OĠĠETTI DIKJARATI GĦALL-UŻU FID-DAR

### INTRODUZZJONI

Il-parti l-kbira tal-pajjiżi jesperjenzaw il-bżonn li jeżentaw mid-dazji fuq oġġetti mportati u taxxi ċerti oġġetti approvati/meħlusa għall-użu fid-dar, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tat-tariffi normali tagħhom jew lijabilità normali, iżda li huma mportati f'ċirkostanzi speċifiċi u għal għanijiet speċifiċi. Din l-eżenzjoni tista' tkun prevista fit-tariffa tad-dwana jew tista' tiġi elenkata fil-leġislazzjoni jew regolameni separati.

Eżenzjoni tista' tiġi mogħtija fuq bażijiet filantropiċi jew umanitarji, jew jistgħu jkunu bbażati fuq kunsiderazzjonijiet ta' l-ekwità. Jista' ikun maħsub li tiġi inkoraġġuta l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni, xjenza u kultura, jew biex tistimula relazzjonijiet internazzjonali ta' armonija, jew li tkun introdotta sempliċiment għall-konvenjenza amministrattiva, sabiex jiġi evitat infieq li jkun anti-proporzjonali għall-ammonti miġbura. Kultant, anke kunsiderazzjonijiet ekonomiċi jistgħu jiġu kkunsidrati meta tiġi mogħtija din l-eżenzjoni.

L-eżenzjoni imsemmija hawnhekk hij ċara peress illi l-oġġetti jmorru għall-użu tad-dar u mhumiex mqiegħda taħt proċedura doganali u li jagħtu biss eżenzjoni kondizzjonali minn dazji ta' l-importazzjoni u taxxi.

Iżda, għalkemm l-eżenzjoni hija ċara, hemm is-soltu ċerti kundizzjonijiet li jridu jintlaħqu u l-faċilità tista', ta' l-anqas għall-ċertu żmien, tkun soġġetta għal restrizzjonjiet: użu għall-għanijiet approvati, projbizzjoni fuq il-bejgħ, eċċ.

L-eżenzjoni tista' tapplika kemm għal dazji u taxxi ta' l-importazzjoni jew, f'ċerti każijiet, għall-dazji doganali biss.

Dan l-Anness ma fihx lista eżawrijenti tal-eżenzjonijiet varji mogħtija mill-pajjiżi kollha. Ma tkoprix, *inter alia*, oġġetti importati mill-ġdid fl-istess stat, oġġetti konsumati abbord vapuri, ajruplani u ferroviji internazzjonali jew oġġetti li jinsabu fil-bagalji ta'vjaġġaturi. Lanqas ma tkopri tariffi preferenzjali, kemm jekk mogħtija unilateralment jew taħt ftehim bilaterali jew multilaterali.

### DEFINIZZJONIJIET

Għall-għanijiet ta' dan l-Anness:

(a) it-terminu "eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi" jfisser żdoganar ta' oġġetti għall-użu fid-dar ħielsa minn dazji ta' importazzjoni u taxxi, irrispettivament mill-klassifikazzjoni tat-tariffa normali tagħhom jew lijabilità normali, iżda li huma importati f'ċirkostanzi speċifiċi u għal għanijiet speċifiċi;

(b) it-terminu "żdoganar għall-użu fid-dar" jfisser proċedura doganali li tipprovdi li oġġetti importati jistgħu jibqgħu permanentement fit-territorju doganali. Din il-proċedura timplika li pagament ta' kwalunkwe dazji ta' importazzjoni u taxxi li għandhom jitħallsu u t-twettieq tal-formalitajiet doganali neċessarji;

(ċ) it-terminu "dazji ta' importazzjoni u taxxi" jfisser dazji doganali u d-dazji taxxi, miżati u tariffi l-oħra kollha, miġbura fuq jew in konnessjoni mal-importazzjoni ta' oġġetti imma li ma jinkludux miżati u tariffi li huma limitati fl-ammont għan-nefqa approssimattiva tas-servizzi mogħtija;

(d) it-terminu "dazji tad-dwana" jfisser id-dazji mniżżla fit-tariffa tad-dwana, li għaliha huma soġġetti oġġetti waqt id-dħul tagħhom fit-territorju doganali;

(e) it-terminu "sigurtà" jfisser dak li jassigura għas-sodisfazzjon tad-dwana li l-obbligu tad-dwana jiġi sodisfatt;

(f) it-terminu "persuna" jfisser kemm persuni naturali u legali, kemm il-darba il-kuntest ma jirrikjedix mod ieħor.

### PRINĊIPJI

1. *Standard*

Eżenzjoni minn dazji ta' l-importazzjoni u taxxi fir-rigward ta' oġġetti dikjarati għall-użu fid-dar għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

2. *Standard*

Leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika ċ-ċirkostanzi u tkabbar tenumera l-każijiet li fihom eżenzjoni minn dazji ta' l-importazzjoni u taxxi huwa mogħti u għandha tippreskrivi l-ħtiġijiet li għandhom jintlaħqu biex jikkwalifikaw għal eżenzjoni bħal din.

3. *Standard*

Eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxi għandha tkun awtorizzata mhux biss għal oġġetti mportati direttament minn barra iżda wkoll għal oġġetti li huma taħt proċedura oħra ta' dwana.

4. *Prattika Rikkmandata*

Ħlief fejn strument internazzjonali jipprovdi għal reċiproċità, eżenzjoni minn dazji ta' l-importazzjoni u taxxi għandha tkun mogħtija mingħajr kunsiderazzjoni għall-pajjiż ta' l-oriġini ta' l-oġġetti jew tal-pajjiż minn fejn ġew.

### FORMALITAJIET

(a) **L-Awtorità Anterjuri/Preċedenti**

5. *Standard*

Leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika il-każijiet li fihom l-awtorità preċedenti hija meħtieġa għal eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi u għandha taħtar l-awtoritajiet li għandhom l-poter jikkonċedu awtorità bħal din.

6. *Prattika Rikkmandata*

Il-każijiet li fihom awtorità preċedenti hija meħtieġa għal eżenzjoni minn dazji ta' l-importazzjoni u taxxi għandhom ikun ftit kemm jista' jkun.

(b) **Dikjarazzjoni**

7. *Standard*

Leġislazzjoni nazzjonali għandha tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom l-oġġetti li jikkwlifikaw għal eżenzjoni minn dazji ta' l-importazzjoni u taxxi għandhom jkunu ippreżentati fl-uffiċċju tad-dwana kompetenti u dikjarazzjoni ta' oġġetti għandha tiġi depożitata.

8. *Prattika Rikkmandata*

Meta dikjarazzjoni ta' oġġetti hija meħtieġa, il-forma wżata għandha tkun dik normalment użata għad-dikjarazzjoni ta' oġġetti għall-użu fid-dar.

(ċ) **Sigurtà**

9. *Standard*

Il-forma li fiha s-sigurtà, jekk hemm bżonn, għandha tiġi magħmula għall-għanijiet ta' eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi għandha tiġi preskritta f'leġislazzjoni nazzjonali jew determinata mill-awtoritajiet tad-dwana skond il-leġislazzjoni nazzjonali.

10. *Prattika Rakkomandata*

Fejn hemm bżonn ta' sigurtà sabiex tiġi assigurata konformita ma kwalunkwe kundizzjoni preskritta fir-rigward ta' eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom ikunu sodisfatti b' impenn bil-miktub waħdu.

11. *Prattika Rekomandata*

Fejn, f' każijiet speċjali, sigurtà hija meħtieġa fil-forma ta' depositu jew għandha tkun provduta kawtela, l-ammont għandu jkun żgħir kemm jista' jkun u m'għandux jaqbeż l-ammont tad-dazju ta' importazzjoni u taxxi li kienu ser jiġu involuti kieku ma ġietx mogħtija l-ebda eżenzjoni.

12. *Standard*

Fejn sigurtà ġiet furnita, għandha titneħħa malajr kemm jista' jkun warali d-dwana tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet li taħthom eżenzjoni minn dazji ta' l-importazzjoni u taxxi ġiet mogħtija huma milħuqa kif għandu jkun waqt kwalunkwe perijodu preskritt.

**SKOP**

**Każijiet koperti minn strumenti internazzjonali**

13. *Prattika Rakkomandata*

Eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi jew minn dazji doganali biss, kif xieraq, għandhom ikunu mogħtija għal oġġetti speċifikati fl-istrumenti internazzjonali li jsegwu u taħt il-kundizzjonijiet preskritti fihom:

(a) oġġetti msemmija fl-Annessi għall-Ftehim ta' l-ONUEKX dwar l-Importazzjoni ta' Materjali Edukattivi, Xjentifiċi u Kulturali (New York, 22 ta' Novembru 1950) u l-Protocol anness miegħu (Nairobi, 26 ta' Novembru 1976) kif ukoll bħal fil-Ftehim tal-ONUEKX għat-Tħaffif taċ-Ċirkolazzjoni Internazzjonali tal-Materjali Viswali u Awditarji ta' Karattru Edukattiv, Xjentifiku u Kulturali (Bejrut, 1984);

(b) apparat jew materjal li hemm riferenza għalihom fil-Prattiċi Rakkomandati 4.39 u 4.41 ta' l-Anness 9 (is-seba' edizzjoni) għall-Konvenzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (Chicago, 7 ta' Diċembru 1944);

(ċ) kampjuni kummerċjali ta' valur negliġibbli u materjal tar-reklamar msemmija fil-Konvenzjoni Internazzjonali għat-Tħaffif ta' L-importazzjoni ta' Kampjuni Kummerċjali u Materjal ta' Reklamar (Ginevra, 7 ta' Novembru 1952);

(d) dokumenti ta' pubbliċita turistika u materjal li hemm riferenza għalihom fil-Protokol Addizzjonali għal-Konvenzjoni li tikkonċerna l-Faċilitajiet Doganali għal *Touring*, Relatat ma' l-Importazzjoni ta' Dokumenti ta' Pubbliċita Turisti u Materjal (New York, 4 ta' Ġunju 1954);

(e) prodotti li hemm riferenza għalihom fl-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Doganali li Tikkonċerna l-Faċilitajiet għall-Importazzjoni ta' Oġġetti għall-wirja jew Użu f'Wirjiet, Fieri, Laqgħat jew Okkażjonijiet Simili (Brussel, 8 ta' Ġunju 1961); u

(f) oġġetti mportati taħt privileġġi diplomatiċi jew konsulari kif imsemmija fil-Konvenzjonijiet ta' Vjenna dwar Relazzjonijiet Diplomatiċi (18 ta' April 1961) u Relazzjonijiet Konsulari (24 ta' April 1963).

Partijiet kontrattanti huma mistiedna sabiex jikkunsidraw il-possibilita li jaċċedu għall-istrumenti internazzjonali ta' hawn fuq.

**Kampjuni li m'għandhomx valur kummerċjali**

14. *Standard*

Eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi u minn projibizzjonjiet ekonomiċi jew restrizzjonijiet għandha tingħata fir-rigward ta' kampjuni li m'għandhomx valur kummerċjali (kampjuni ta' valuri negliġibbli fit-tifsira tal-Konvenzjoni Internazzjonali li Tiffaċilita l-Importazzjon ta' Kampjuni Kummerċjali u Materjal għar-Reklamar (Geneva, 7 ta' Novembru 1952).

15. *Prattika Rakkomandata*

Dawn li ġejjin għandhom ikunu kkunsidrati bħala kampjuni li m'għandhomx valur kummerċjali:

(a) materja prima u prodotti ta' dimensjoni tali m'għandhomx użu ħlief għal skopijiet ta' dimostrazzjoni;

(b) artikoli ta' materjal mhux prezzjuż mwaħħla ma' kartonċini jew mtellgħabħala kampjuni fil-manjiera li tintuża fil-kummerċ, basta li ma hemmx aktar minn wieħed ta' kull daqs jew tip;

(ċ) materja prima u prodotti, u artikoli ta' materjal bħal dan jew prodotti, li ma baqgħalhom ebda użu, ħlief għal skopijiet ta' dimostrazzjoni, permezz ta' qtugħ, titqib, markar li ma jitħassarx jew b'kwalunkwe mod effettiv ieħor;

(d) prodotti li ma jistgħux jiġu ppreżentati bħala kampjuni mingħajr valur kummerċjali skond il-paragrafi (a) sa (ċ) u li jikkonsistu fi:

(i) oġġetti li mhumiex konsumabbli ta' valur individwali li ma jaqbiżx US $ 5, u basta li ma hemmx aktar minn kampjun wieħed ta' kull tip jew kwalità;

(ii) oġġetti konsumabbli ta' valur individwali li ma jaqbiżx US $ 5, anke jekk jikkonsistu kompletament jew sa ċertu punt minn kampjuni ta' l-istess tip jew kwalità, basta li l-kwantità u l-mod kif inhuma magħmula jipprekludu li jiġu wżati għajr ħlief kampjuni.

**Sostanzi umani terapewtiċi, formazzjoni ta' grupp taddemm u reaġenti ta' tessuti elenkati tal-ġisem**

16. *Prattika Rakkomandata*

Eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet ekonomiċi jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandha tkun mogħtija fir-rigward tas-sostanzi li ġejjin, fejn huma konsenjati lil istituzzjonijiet jew laboratorji approvati mill-awtoritajiet kompetenti:

(a) sostanzi terapewtiċi ta' oriġini umana; demm uman u derivattivi tiegħu (demm sħiħ, plażma mnixxfa, *albumina, gammaglobulin, fibrinogen*); organi tal-ġisem;

(b) gruppi reaġenti ta' demm uman, tal-annimali, pjanta jew oriġini oħra.

(c) reaġenti tat-tip tissue ta' l-umani, annimali, pjanti jew oriġini oħra.

**Artikoli li jistgħu jitneħħew importati fuq trasferiment ta' residenza**

17. *Standard*

Eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandha tkun mogħtija fir-rigward ta' artikoli li jistgħu jitneħħew li japartjenu lil persuna naturali jew tal-membri ta' daru importati fuq trasferiment tar-residenza tagħhom għall-pajjiż ta' l-importazzjoni.

18. *Prattika Rakkomandata*

Għall-finijiet ta' Standard 17 l-espressjoni "artikoli li jistgħu jitneħħew" għandhom jitqiesu li jinkludu, b'mod partikolari:

(a) Għamara u tagħmir;

(b) aċċessorji tad-dar u apparat awdjoviżwali;

(ċ) effetti personali;

(d) mezzi ta' trasport għall-użu privat b.e. (= bħala eżempju); vetturi bil-mutur u *trailers għalihom*, roti, muturi, karavani, dgħajjes ta' divertiment u ajruplani ħfief;

(e) dispożizzjonijiet tad-dar li jkunu normalment maħżuna;

(f) biċċiet parti minn kollezzjoni;

(g) annimali tad-dar u żwiemel tal-irkib; u

(h) apparat neċessarju għas-sejħa, kummerċ jew professjoni talpersuni li jittrasferixxu r-residenza tagħhom, barra minn impjant jew tagħmir industrijali, kummerċjali jew agrikolu.

Nota

F'ċerti pajjiżi, eżenzjoni minn dazji doganali u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi hija mogħtija fir-rigward ta' impjant jew tagħmir industrijali, kummerċjali jew agrikolu importat minn persuni naturali in konnessjoni mat-trasferiment ta' l-intrapriża tagħhom għallpajjiż ta' l-importazzjoni:

19. *Prattika Rakkomandata*

L-eżenzjoni provduta fi Standard 17 m'għandiex tkun soġġetta għal kundizzjonijiet li huma aktar restritti minn dawn li ġejjin:

(a) li l-artikoli huma adattati, fit-tip, numru u valur, għaċ-ċirkostanzi tal-każ:

(b) li fil-każ ta' persuni li jmorru lura fil-pajjiż ta' l-importazzjoni, kien hemm perijodu xieraq ta' residenza barra mill-pajjiż. Dan il-perjodu m'għandux ikun iffissat għal aktar minn sena;

(ċ) li ħlief għall-proviżjonijiet tad-dar, l-artikoli li jistgħu jitneħħew kienu ta' jew fil-pussess u wżati barra mill-pajjiż millimportatur jew il-membri tad-dar tiegħu għal perijodu raġonevoli. Dan il-perijodu m'għandux ikun iffissatgħal aktar minn sitt xhur fil-każ ta' l-artikoli soġġetti għal ammonti kbar ta' dazji ta' l-importazzjoni u taxxi, li m'għandux jaqbeż sena;

(d) li ħlief għal proviżjonijiet tad-dar, l-artikoli li jistgħu jitneħħew mogħtija l-eżenzjoni ser jibqgħu ta' jew fil-pussess, u wżati mill-importatur jew il-membri tad-dar tiegħu għall-perijodu raġonevoli wara l-importazzjoni. Dan il-perijodu m'għandux ikun fissat għal aktar minn sitt xhur barra fil-każ ta' artikoli soġġetti għal ammonti kbar ta' dazzji ta' l-importazzjoni u taxxi li m'għandux jaqbeż sena;

(e) li l-artikoli li jistgħu jitneħħew ikunu importati f'perijodu xieraq li jibda mid-data li fiha l-importatur jistabbilixxi residenza fil-pajjiż ta' l-importazzjoni. Dan il-perijodu m'għandux ikun anqas minn sitt xhur;

(f) li kwalunkwe xorb alkoħoliku u prodotti tat-tabakk ma jaqbżux il-kwantitajiet preskritti fil-leġislazzjoni nazzjonali;

(g) li l-impurtatur jissottometti lista (inventarju) ta' l-artikoli kollha li qed jiġu importati.

**Għamara u affarijiet tad-dar għall-forniment ta' residenzi sekondarji.**

20. *Prattika Rakkomandata*

Eżenzjoni minn dazji ta' l-importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet ekonomiċi jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandha

tingħata fir-rigward ta' għamara u affarijiet tad-dar importati għal iskopijiet ta'forniment ta' residenza sekondarja minn persuna li r-residenza normali tagħha hija f'pajjiż ieħor, taħt il-kundizzjonijiet preskritti mill-leġislazzjoni nazzjonali.

Nota

Eżenzjoni hija normalment magħmula soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għamara u l-affarijiet tad-dar kellhom:

(1) ikunu wżati qabel mill-persuna konċernata għal perijodu raġonevoli;

(2) ikunu importati sabiex jfornu r-residenza sekondarja u jkunu għall-użu personali tal-persuna privata u l-membri tal-familja tiegħu li jgħixu miegħu waqt il-waqfa tagħhom fir-residenza sekondarja;

(3) ikunu adattati, fit-tip u l-kwalità, għal-forniment normali tar-residenza sekondarja fil- kwistjoni;

(4) ikunu miżmuma fil-pussess tal-persuna konċernata għal perijodu raġonevoli;

(b) eżenzjoni tista' tkun mogħtija f'okkażżjoni waħda biss għall-wieħed u l-istess residenza sekondarja;

(ċ) ir-residenza sekondarja għandha tkun il-propjetà tal-persuna konċernata jew kienet mikrija minnu għal perijodu raġonevoli.

**Trosseus u r-rigali tat-tieġ**

21. *Standard*

Eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċI għandhom jingħataw fir-rigward ta' t *rousseaus* u rigali tat-tieġ lil persuna residenti barra li jittrasferixxi ir-residenza tiegħu lejn il-pajjiz tal-importazzjoni fi, jew bl-għan li jiżżewweġ ma' persuna li ġa tgħix f'dak il-pajjiz.

22. *Standard*

*Trousseaus* u rigali tat-tieġ għandhom jittieħdu li jinkludu

(a) lożor tad-dar u lbies, kemm ġodda jew le, għall-użu personali tal-persuna konċernata jew għall-użu fid-dar tiegħu;

(b) kwalunkwe artikoli tas-soltu mogħtija fl-okkażjoni ta' tieġ.

23. *Prattika Rakkomandata*

L-eżzenzjoni provduta fi Standard 21 m'għandhiex tkun soġġetta għal kundizzjonijiet aktar restrittivi minn dawn li ġejjin:

(a) li l-persuna konċernata għexet barra mill-pajjiż għall-perijodu xieraq. Dan il-perijodu m'għandux ikun iffissat għal aktar minn sena;

(b) li l-oġġetti jkunu mportati mhux aktar minn tlett xhur middata skedata tat-tieġ u mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tieġ

(ċ) li l-persuna mogħtija l-eżenzjoni tkompli tkun is-sid jew tipposjedi l-oġġetti mportati bħala *trousseaus* u rigali tat-tieġ għall-perijodu raġonevoli wara l-importazzjoni. Bħala regola, dan il-perjodu m'għandux ikun iffissat għal aktar minn sena;

(d) li l-oġġetti huma intiżi għall-użu personali tal-koppja;

(e) li kwalunkwe xorb alkoħoliku u prodotti tat-tabakk ma jeċċedux il-kwantitajiet mniżżla fil-leġislazzjoni nazzjonali;

(f) li lista (inventarju) tal-oġġetti kollha li qed jiġu mportati ikunu sottomessi, flimkien ma kwalunkwe dokumenti sostenenti meħtieġa mill-awtoritajiet tad-dwana.

**Ħwejjeġ Personali u artikoli edukattivi għal persuni li jiffrekwentaw stabbilimenti edukattivi**

24. *Standard*

Eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandha tkun mogħtija fir-rigward ta' effetti personali u artikoli edukattivi użati minn persuni normalment residenti barra mill-pajjiż li huma tfal ta' l-iskola jew studenti *full-time* fi stabbiliment edukattiv fil-pajjiż ta' l-importazzjoni.

25. *Prattika Rakkomandata*

L-eżenzjoni provduta fi Standard 24 m'għandiex tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet aktar restritti minn dawn li ġejjin:

(a) li l-oġġetti huma għall-użu personali tal-persuna konċernata;

(b) li l-lista (inventarju) ta' l-oġġetti li ser ikunu mportati ikunu sottomessi, flimkien ma kwalunkwe dokumenti sostententi rekwiziti mill-awtoritajiet tad-dwana.

**Effetti akkwistati b'wirt**

26. *Standard*

Eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandha tkun mogħtija fir-rigward ta' ħwejjeġ li ntirtu minn persuna li, fiż-żmien tal-mewt tal-mejjet, għandha r-residenza prinċipali tagħha fil-pajjiż ta' l-importazzjoni basta li ħwejjeġ bħal dawn kienu għall-użu personali tal-mejjet.

27. *Prattika Rakkomandata*

L-eżenzjoni provduta fi Standard 26 m'għandhiex tkun soġġetta għal kundizzjonijiet aktar restritti minn dawn li ġejjin:

(a) li l-mejjet kien residenti barra mill-pajjiż fiż-żmien tal-mewt;

(b) li l-ħwejjeġ jkunu mportati mhux iżjed minn sena mid-data li fiha l-persuna konċernata kienet intitola li tiddisponi minnhom;

(ċ) li, ħlief fil-każ ta' proviżjonijiet tad-dar, il-persuna li ngħtat eżenzjoni tibqa' is-sid jew iżżomm il-pussess ta' l-oġġetti li ntirtu għall-perijodu raġonevoli wara l-importazzjoni. Bħala regola, dan il-perijodu m'għandux ikun iffissat għal ktar minn sena;

(d) li kwalunkwe xorb alkoħoliku u oġġetti tat-tabakk ma jaqbżux il-kwantitajiet preskritti fil-leġislazzjoni nazzjonali;

(e) li lista (inventarju) ta' l-oġġetti li ser jiġu mportati jkunu sottomessi, flimkien ma kwalunkwe prova ta' dokumentarju sostenenti meħtieġ mill-awtoritajiet tad-dwana.

**Rigali personali**

28. *Standard*

Eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandha tkun mogħtija fir-rigward ta' rigali personali (esklużi l-alkoħol, xorb alkoħoliku u prodotti tat-tabakk) li l-valur aggregat tagħhom, determinat fuq il-bażi tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut fil-pajjiż fejn ser jintbagħtu l-affarijiet, ma jaqbiżx US $ 25. Fejn bosta konsenji huma mibgħuta fl-istess żmien mill-istess persuna li tibgħat lill-istess destinatarju, il-valur aggregat għandu jiġ meqjus bħala l-valur totali ta' dawk il-konsenji kollha.

Nota

Rigal huwa ssoltu kkunsidrat personali jekk huwa:

(a) mibgħut lill-persuna privata minn jew f'isem persuna privata oħra residenti barra mill-pajjiż;

(b) huwa okkażjonali; u

(ċ) jikkonsisti biss f'oġġetti għall-użu personali mid-destinatarju jew il-familja tiegħu, u n-natura u l-kwantita ta' l-oġġetti importati huma b'tali mod li l-konsenja hija ovjament mhux ta' natura kummerċjali.

**Oġġetti mibgħuta lill-organizzazzjonijiet karitattivi u filantropiċi**

29. *Prattika Rakkomandata*

Eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandha tkun mogħtija fir-rigward ta' bżonnijiet basiċi (bħal affarijiet ta' l-ikel, medikamenti (duwwijiet), ħwejjeġ u kutri) mibgħuta bħala rigali lil organizzazzjoni approvata għad-distribuzzjoni mingħjr ħlas lil persuni fil-bżonn mill-organizzazzjoni jew taħt il-kontroll tagħha.

**Għotjiet**

30. *Prattika Rakkomandata*

Eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandha tkun mogħtija fir-rigward ta':

(a) dekorazzjoniet ippreżentati minn gvernijiet barranin lil persuni residenti fil-pajjiż ta' l-importazzjoni;

(b) oġġetti ta' l-arti, trofej, medalji u affarijiet simili preżentati barra mill-pajjiż jew bħala premjijiet f'kompetizzjoni jew bħala għotja għal atti ta' kuraġġ jew sagrifiċċju personali, lil persuni residenti fil-pajjiż ta' l-importazzjoni, jew artikoli bħal dawn mogħtija minn awtoritajiet jew organizzazzjonijiet ta' barra li ma jagħmlux profitt bill-fehma għal preżentazzjoni għall-istess għanijiet fil-pajjiż ta' l-importazzjoni lil persuni residenti f'dak il-pajjiż soġġett għas-sottomissjoni ta' kwalunkwe dokumenti sostenenti meħtieġa mill-awtoritajiet tad-dwana.

**Materjali għall-kostruzzjoni, manteniment jew ornamentazzjoni ta' ċimiterji militari; twiebet, urni funerarji u artikoli ornamentali funerarji**

31. *Prattika Rakkomandata*

Eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċI għandha tkun mogħtija fir-rigward ta':

(a) oġġetti, mportati minn organizzazzjonijiet approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiz ta' l-importazzjoni u adattati għall-kostruzzjoni, manteniment jew ornamentazzjoni ta' ċimiterji militari;

(b) twiebet li fihom il-kadavri, u l-urni li fihom l-irmied, ta' persuni mejtin, u l-fjuri, girlandi u oġġetti oħra ornamentali li jakkumpanjawhom;

(ċ) fjuri, girlandi u oġġetti oħra ornamentali miġjuba minn persuni li jattendu funeral jew dawk in-nies bil-luttu li jiġu biex jiddekoraw oqbra fil-pajjiż ta' l-importazzjoni.

**Dokumenti u artikoli mixxellanji li m'għandhomx valur kummerċjali**

32. *Prattika Rakkomandata*

Eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandha tkun mogħtija fir-rigward ta' konsenji li fihom l-oġġetti li ġejjin meta huma b'mod ċar, mil-kwantità jew min-natura tagħhom, ta' l-ebda valur kummerċjali;

(a) publikazzjonijiet ta' gvernijiet barranin u pubblikazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali uffiċjali;

(b) forom stampati maħruġa minn gvernijiet barranin;

(ċ) karti tal-votazzjoni għall-nazzjonalitajiet barranin;

(d) dokumenti mibgħuta mingħajr ħlas lis-servizzi pubbliċi tal-pajjiż ta' l-importazzjoni;

(e) oġġetti li għandhom jiġu sottomessi bħala evidenza jew għall-skopijiet simili lill-qrati jew aġenziji oħra uffiċjali tal-pajjiż ta' l-importazzjoni;

(f) ċirkolarijiet stampati li jikkonċernaw firem indirizzati lis-servizzi pubbliċi jew banek stabbiliti fil-pajjiz ta' l-importazzjoni;

(g) sigurtajiet f'muniti barranin, *cheque books* u *travellers' cheques* ta' banek stabbiliti barra mill-pajjiż;

(h) rapporti, dikjarazzjonijiet u noti mtellgħin minn kumpaniji stabbiliti barra mill-pajjiż;

(ij) medja rrekordjata bħala karti ipperforati, rekordjar tal-ħoss, strixxi manjetiċi, mikrofixxi, folji mikrofilm, diski manjetiċi, għall-iskambju internazzjonali ta' informazzjoni;

(k) pubblikazzjonijiet ta' kmamar tal-kummerċ tal-pajjiż ta' l-importazzjoni barra mill-pajjiż;

(l) pjanti, disinji tekniċi, disinji traċċati, speċifikazzjonijiet u dokumenti oħra importati biss bil-fehma li jpoġġu l-ordnijiet barra mill-pajjiż jew li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet jew sejħiet għat-tfigħ ta' offerti fil-pajjiż ta' l-importazzzjoni;

(m) dokumenti relatati mal-marki tal-fabbrika, mudelli jew disinji u applikazzjonijiet għal brevetti sottomessi lill-aġenziji fil-pajjiż ta' l-importazzjoni li jitrattaw dwar il-protezzjoni tal-proprjetà litterarja jew protezzjoni ta' proprjetà industrijali jew kummerċjali;

(n) formoli u biljetti stampati mibgħuta minn intrapriżi tat-trasport u l-ivvjaġġar li jinsabu barra mill-pajjiż lill-uffiċji u l-aġenziji tagħhom fil-pajjiż ta' l-importazzjoni;

(o) formoli u biljetti stampati, poloz tat-tagħbija, poloz ta' kargu u dokumenti oħra kummerċjali li ġew proċessati;

(p) ritratti ta' l-istampa u ħsejjer sterjotipati għal ritratti ta' l-istampa mibgħuta lill-aġenziji ta' l-istampa jew lill-publikaturi ta' gazzatti jew perjodikali.

**Oġġetti Reliġjużi**

33. *Prattika Rakkomandata*

Eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandhom ikunu mogħtija fir-rigward ta' oġġetti wżati għl-qima reliġjuża, soġġetti għal konformità mal-kundizzjonijiet preskritti fil-legislazzjoni nazzjonali.

**Prodotti mportati għal prova**

34. *Standard*

Eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandhom ikunu mogħtija f'rigward ta' prodotti mportati għal prova, basta li l-kwantitajiet importati ma jaqbżux dawk strettament neċessarji għal prova u li:

(a) huma prodotti li ser ikunu kompletament użati waqt il-prova;

(b) jekk mhumiex hekk użati, jerġgħu ikunu esportati, distrutti jew jiġu jkunu kummerċjalment mingħajr valur taħt kontroll uffiċjali, mingħajr spejjeż għad-dħul ta' finanzi.

**Prodotti u materjali għall-protezzjoni ta' oġġetti waqt it-trasport**

35. *Prattika Rakkomandata*

Eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandhom ikunu mogħtija fir-rigward ta' materjal għall-ippakkjar (tiben, karta, ħġieġ tal-fibru, injam inċanat, eċċ.) u varji prodotti bħal ħabel, karta u twavel (miksija) bil-karti li ġew użati sabiex jerfgħu u jipproteġu l-oġġetti waqt it-trasport.

**Għalf tal-bhejjem u ikel ieħor għall-annimali fil-kors tat-trasportazzjoni tagħhom**

36. *Prattika Rakkomandata*

Eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni u taxxi u minn projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ekonomiċi għandhom ikunu mogħtija fir-rigward ta' għalf tal-bhejjem u ikel ieħor li jakkumpanja annimali mportati u maħsuba għall-użu waqt it-trasport.

**INFORMAZZJONI LI TIKKONĊERNA EŻENZJONI**

37. *S tandard*

L-awtoritajiet doganali għandhom jassiguraw li l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna eżenzjoni mid-dazji ta' l-importazzjoni u taxxi hija faċilment disponibbli lill-kwalunkwe persuna interessata.

**Kummentarji u riservazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu mill-Komunità fir-rigward ta' l-Anness B.2 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Simplifikazzjoni u l-Arminizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali**

1. *Reservazzjoni ġenerali (kumment ġenerali)*

"Leġislazzjoni tal-Komunità ġeneralment tkopri d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness. Iżda, l-Istati Membri għandhom, jekk huwa xieraq, jdaħħlu r-riservazzjonijiet tagħhom sal-limitu li l-legislazzjoni tal-Komunità tħallilhom il-possibilità li jżommu, f'ċerti każijiet, id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom,"

2. *Standard 3*

"ll-liġi tal-Komunità tipprovdi l-possibilità li jiġu eskluzi minn eżenzjoni dawk l-oġġetti dikjarati għal ċirkolazzjoni ħielsa wara li jkunu tqiegħdu taħt proċedura oħra doganali. Din l-esklużjoni ġiet applikata biss fir-rigward tad-dħul għal ċirkolazzjoni libera ta' konsenji ta' valur negliġibbli."

3. *Pratttika Rakkomandata 10*

"F'ċerti każijiet, eżenzjoni tista' tiġi mogħtija jekk il-persuna konċernata tobbliga ruħha li tirrispetta ċerti kundizzjonijiet (per eżempju, li jinstalla lilu nnifsu fil-Komunità jew li jforni dokument sostenenti għall-eżenzjon rikjesta minnu). Dan l-obbligu hiwa akkumpanjat minn sigurtà, li l-forma u l-ammont tiegħu li għandu ikun determinat mill-awtortajiet kompetenti."

4. *Pratttika Rakkomandata 16*

"l-importazzjoni ta' sustanzi intizi bħala operazzjoni kummerċjali hija eskluża minn eżenzjoni."

5. *Pratttika Rakkomandata 18*

"Leġislazzjoni tal-Komunità teskludi minn eżenzjoni l-oġġetti li ġejjin:

(a) prodotti alkoħoliċi;

(b) tabakk jew prodotti tat-tabakk;

(ċ) mezz kummerċjali ta' trasport;

(d) artikoli wżati ta' xi sengħa jew professjoni, barra minn strumenti li jinġarru ta' l-arti applikata jew liberali."

6. *Prattika Rakkomandata 19*

"Il-perijodu li għalih il-benefiċjarju għandu jżomm il-proprjetà jew pussess ta' l-artikoli fil-kwestjoni huwa stabbilit għal tnax-il xahar."

7. *Prattika Rakkomandata 20*

"Legislazzjoni tal-Komunità ma tipprovdix għall-eżenzjoni minn taxxa fuq il-valur miżjud fuq oġġetti mportati għall-forniment ta' residenza sekondarja mporti minn pajjiżi barra mill-Komunità Ewropea."

8. *Standard 21*

"L-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (1) tapplika għal rigali ta' valur unitarju ta' mhux aktar minn 200 ECU.

Stati Membri jistgħu, iżda, jagħtu eżenzjoni għall-aktar minn 200 ECU, basta li l-valur ta' kull rigal eżentat ma jaqbiżx l-1,000 ECU. L-eżenzjoni minn dazji ta' importazzjoni tapplika għal rigali meta l-valur ta' kull wieħed mir-rigali ma jaqbiżx l-1,000 ECU"

(Ara wkoll ir-reservazzjoni f'Prattika Rakkomandata 23.)

9. *Prattika Rakkomandata 23*

"Legislazzjoni tal-Komunità ma tipprovdi l-ebda eżenzjoni għal prodotti alkoħoliċi, tabakk jew prodotti tat-tabakk.

Ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, eżenzjoni għandha tingħata biss fir-rigward ta' oġġetti mdaħħla għal ċirkolazzjoni libera:

— mhux qabel xahrejn qabel id-data fissata għat-tieġ (f'dan il-każ l-eżenzjoni għandha tkun soġġetta għad-depożitu ta' sigurtà *xierqa, li l-forma u l-ammont tiegħu għandu jkun determinat mill-awtoritajiet kompetenti), u*

— mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-data tat-tieġ"

10. *Prattika Rekomandata 27*

"Leġislazzjoni tal-Komunità teskludi minn eżenzjoni l-oġġetti li ġejjin:

(a) prodotti alkoħoliċi;

(b) tabakk u prodotti tat-tabakk;

(ċ) mezz kummerċjali ta' transport;

(d) artikoli għall-użu fil-ħidma ta' kummerċ jew professjoni, barri minn strumenti li jinġarru ta' l-arti applikata jew liberali, li kienu meħtieġa għall — ħidma ta' kummerċ jew professjoni tal-mejjet;

(e) ħażniet ta' materja prima u prodotti lesti jew parti-lesti;

(f) ħażna ta' bhejjem ħajjin u ħażna ta' prodotti agrikoli li jaqbżu l-kwantitajiet xierqa għall-ħtiġijiet normali tal-familja."

11. *Standard 28*

"Leġislazzjonijiet tal-Komunità tipprovdi eżenzjoni għal oġġetti li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx 45 ECU li

jiffurmaw konsenji żgħar ta' natura mhux kummerċjali mibgħuta mingħajr pagament minn persuna privata lill-persuna privata oħra li tgħix fit-territorju doganali tal-Komunità.

Barra minn restrizzjonijiet kwantitativi applikabbli għal tabakk, alkoħol u xorb alkoħoliku, leġislazzjoni tal-Komunità *tipprovdi konċessjoni* ta' taxxa massima li ġejja għall-importazzjoni ta' kafe', te', fwieħa u ilma tal-fwieħa:

| | |
|---|---|
| (a) Kafe | 500 gramma |
| jew estratti u essenzi tal-kafe | 200 gramma |
| (b) te: | 100 gramma |
| jew estratti u essenzi tat-te | 40 gramma |
| (ċ) fwieħa: | 50 gramma |
| jew ilmijiet tal-fwieħa | 0,25 litre" |

12. *Prattika Rakkomandata 29*

"L-oġġetti msemmija fil-Prattika Rakkomandata huma mdaħħla ħielsa mid-dazji t'importazzjoni sakemm dan ma jagħtix lok għal abbużi jew tgħawwiġ maġġuri fil-kompetizzjoni.

Leġislazzjoni tal-Komunità tipprovdi li l-oġġetti li ġejjin huma esklużi minn eżenzjoni ta' dazju u taxxi ta' l-importazzjoni:

(a) prodotti alkoħoliċi;

(b) tabakk jew prodotti tat-tabakk;

(ċ) kafe' u te'

(d) vetturi bil-mutur minbarra ambulanzi."

13. *Prattika Rakkomandata 32*

"Għall-operazzjonijiet koperti minn punti (a) u (b), Leġislazzjoni tal-Komunità tipprovdi li eżenzjoni tapplika għal dokumenti indirizzati jew mqassma mingħajr ħlas.

Leġislazzjoni tal-Komunità ma tipprovdix għall-operazzjonijiet previsti taħt punti (ġ) u (k) ta' din il-Prattika Rakkomandata.

L-importazzjonijiet koperti minn punt (ij) huma permessi taħt il-leġislazzjoni tal-Komunità sakemm l-ammissjoni mingħajr dazju ma tagħtix lok għal abbużi jew tgħawwiġ maġġuri ta' kompetizzjoni u li dawn l-oġġetti huma wżati għat-trasmissjoni ta'informazzjoni mibgħuta mingħajr ħlas lill-indirizzat."

14. *Prattika Rakkomandata 33*

"Leġislazzjoni tal-Komunità ma tipprovdix għal eżenzjoni koperta minn din il-Prattika Rakkomandata."

15. *Standard 34*

"Oġġetti koperti minn dan l-Istandard huma intitolati biss għal eżenzjoni jekk l-eżaminazzjoni, analiżi jew testi konċernati fihom infushom ma jikkostitwux operazzjonijiet għal promozzjoni tal-bejgħ."

16. *Prattika Rakkomandata 35*

"Leġislazzjoni tal-Komunità tipprovdi għall-eżenzjoni prevista f'din il-Prattika Rakkomandata sakemm il-materjal fil-kwestjoni mhuwiex normalment użat mill-ġdid u bil-kundizzjoni li l-valur tagħhom huwa inkluż fil-bażi imponibbli ta' l-oġġetti trasportati."